



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12111/23
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0233(NLE)

COEST 465
POLCOM 171

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 396 final - ANNEX 2
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 396 final - ANNEX 2.

Mehmuż: COM(2023) 396 final - ANNEX 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
COM(2023) 396 final

ANNEX 2

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ u fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażijiet 1 u 2 tal-Anness XXI-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-aċċess għas-suq marbut miegħu

ANNESS [...]

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI Nru _____

TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta' [data]

dwar il-valutazzjoni pożittiva tal-Fażi 2 kif stabbilita fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra u b'mod partikolari l-Artikolu 153 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") għe ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Il-Preambolu għall-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Ukrajna li gradwalment tapprossima l-leġislazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni, skont il-linji stabbiliti fil-Ftehim, u timplimentaha b'mod effettiv, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika gradwali u l-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika tal-Ukrajna mal-Unjoni.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 154 tal-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku għandu jintlaħaq gradwalment u simultanjament.
- (4) Skont l-Artikolu 153(1) u (2) tal-Ftehim, l-Ukrajna għandha tiżgura li l-leġislazzjoni eżistenti u futura tagħha dwar l-akkwist pubbliku gradwalment issir kompatibbli mal-*acquis* tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Tali approssimazzjoni leġislattiva għandha titwettagħ f'fażijiet konsekuttivi kif stabbilit fl-iskeda fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 153(2) tal-Ftehim, l-implimentazzjoni ta' kull fażi stabbilita fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 għandha tiġi evalwata mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ. Din l-evalwazzjoni tista' twassal għal valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni ta' fażi permezz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 153(3) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ jipproċedi biss għall-evalwazzjoni ta' fażi sussegwenti ladarba jkun twettqu u ġew approvati l-miżuri għall-implimentazzjoni tal-fażi preċedenti. Id-Deċiżjoni x/2023 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-kummerċ ipprovdiet valutazzjoni pożittiva dwar l-implimentazzjoni tal-fażi 1, u

b'hekk ippermettiet l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni pożittiva tal-implimentazzjoni tal-fażi 2 tal-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.

- (7) L-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim jistipula r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-Ukrajna għall-implimentazzjoni tal-fażi 2.
- (8) Wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, fuq il-bażi tal-liġi marzjali fis-seħħ fl-Ukrajna u għat-tul ta' żmien tagħha, l-Ukrajna introduċiet eċċezzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, permezz ta' Riżoluzzjonijiet. Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Fażi 2 hija bbażata fuq l-impenn tal-Ukrajna li tirtira l-eċċezzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fi żmien 90 jum mid-data tat-terminazzjoni jew tal-kanċellazzjoni tar-reġim legali tal-liġi marzjali fl-Ukrajna.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tingħata valutazzjoni pożittiva rigward l-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-fażi 2 kif stabbilita fl-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġiżlattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim, abbażi tar-raġunijiet ipprovduti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni ġiet stabbilita bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Ukrena, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-Presidenza

Is-segretarji

F'konformità mal-Anness XXI-A (Skeda ta' Żmien Indikattiva għar-Riforma Istituzzjonali, Approssimazzjoni Leġislattiva u Aċċess għas-Suq) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim, "l-approssimazzjoni u l-implimentazzjoni tal-elementi bażiċi tad-Direttiva 2014/24/UE u tad-Direttiva 89/665/KEE" huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-fażi 2.

L-elementi bażiċi tad-Direttiva 2014/24/UE tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku

L-elementi bażiċi tad-Direttiva 2014/24/UE huma stabbiliti fl-Anness XXI-B (l-Elementi Bażiċi tad-Direttiva 2014/24/UE tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.

Il-Liġi tal-Ukrajna Nru 114-IX "Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-akkwist pubbliku" u ċerti atti leġislattivi oħra tal-Ukrajna dwar it-titjib tal-akkwist pubbliku ("il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku") adottata mill-Parlament tal-Ukrajna fid-19 ta' Settembru 2019 u li timmodifika l-Liġi tal-Ukrajna Nru 922-VIII fil-25 ta' Diċembru 2015 "Dwar l-Akkwist Pubbliku" kellha l-għan li tiżgura l-approssimazzjoni mal-elementi bażiċi tad-Direttiva 2014/24/UE.

Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha li jkopri x-xiri ta' prodotti, servizzi u xogħlijiet mill-awtoritajiet kontraenti. L-awtoritajiet kontraenti huma definiti aktar fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku inklużi l-biċċa l-kbira tal-elementi stabbiliti fid-Direttiva 2014/24/UE. Barra minn hekk, il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tinkludi diversi definizzjonijiet li b'mod ġenerali jistgħu jitqiesu kompatibbli mad-Direttiva 2014/24/UE. Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tapplika għal xirjiet ta' prodotti, servizzi u xogħlijiet li l-valur tagħhom jaqbeż il-valur ta' limitu, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Liġi u huwa aktar baxx mill-valur ta' limitu stabbilit fid-Direttiva 2014/24/UE. L-Ordni tal-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku, il-Kummerċ u l-Agricoltura tal-Ukrajna Nru 275 tat-18.02.2020 "Dwar l-approvazzjoni ta' metodu approssimattiv għad-determinazzjoni tal-valur mistenni tas-suġġett tal-akkwist" tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-metodi għad-determinazzjoni tal-valur mistenni tal-akkwist.

Skont il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku fl-Ukrajna jitwettqu f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

- (1) il-kompetizzjoni ġusta bejn l-offerenti;
- (2) l-iffrankar massimu tal-ispejjeż, l-effiċjenza u l-proporzjonalità;
- (3) il-ftuħ u t-trasparenza fl-istadji kollha tal-proċess tal-akkwist;
- (4) in-nondiskriminazzjoni tal-offerenti u t-trattament ugwali għalihom;
- (5) l-evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-offerti u tal-għoti;
- (6) il-prevenzjoni ta' prattiki korrotti u l-abbuż.

Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tipprevedi li l-offerenti domestiċi u barranin, irrispettivament mill-forma ta' sjieda u l-istruttura legali tan-negozju tagħhom, għandhom jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist b'kundizzjonijiet ugwali.

L-emenda tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku adottata fis-16 ta' Diċembru 2021, il-Liġi "Dwar l-Emendi għal-Liġi tal-Ukrajna "Dwar l-Akkwist Pubbliku" biex Joħolqu Prekundizzjonijiet għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Modernizzazzjoni tal-Industrija Domestika" Nru 1977-IX,

introduċiet rekwiżiti temporanji ta' kontenut domestiku għal perjodu ta' 10 snin għall-akkwist pubbliku. Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-akkwisti li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-Ukrajna Nru 1029-VII tas-16 ta' Marzu 2016 "Dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna mal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku", kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku ta' trattati internazzjonali oħra tal-Ukrajna approvati mill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna. Għaldaqstant, dawn ir-rekwiżiti ta' konenut domestiku ma japplikawx għall-offerti proposti mill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea – kemm jekk stabbiliti kif ukoll jekk mhux stabbiliti fl-Ukrajna –, jew li jkopru prodotti, servizzi jew xogħolijiet li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea.

Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tirregola l-proċeduri tal-akkwist li ġejjin: offerti miftuħa; offerti ristretti u; djalogu kompetittiv. Il-prinċipji ġenerali tagħha huma kompatibbli ma' daww stabbiliti fid-Direttiva 2014/24/UE. Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tinkludi wkoll il-possibbiltà li tiġi applikata l-proċedura nnegożjata; il-kundizzjonijiet għall-użu tagħha huma f'ħafna aspetti kompatibbli ma' daww fid-Direttiva 2014/24/UE.

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikketti, il-protokolli tat-testijiet, iċ-ċertifikazzjoni u mezzi oħra ta' prova huma allinjati mad-Direttiva 2014/24/UE.

Skont il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku, l-awtoritajiet kontraenti jippubblikaw tħabbiriet dwar proċeduri kompetittivi ta' offerti, inklużi dokumenti tal-offerti u abbozzi ta' kuntratti, fis-sistema tal-akkwist elettroniku. L-informazzjoni kollha rilevanti għall-għoti tal-akkwisti hija disponibbli fis-sistema tal-akkwist elettroniku.

L-informazzjoni dwar l-offerent li jintgħażel tintwera fis-sistema tal-akkwist elettroniku. L-offerenti li ma jintgħāzlux jistgħu jitolbu lill-awtorità kontraenti permezz tas-sistema tal-akkwist elettroniku tipprovd i informazzjoni dwar l-offerta ppreżentata mill-offerent li jintgħāzel, inklużi dwar il-vantaġġi tagħha meta mqabbla mal-offerta tagħhom u l-awtorità kontraenti hija marbuta li twieġeb għal tali talba fi żmien ħamest ijiem.

Il-prinċipji ġenerali għall-għāzla tal-parteċipanti huma stabbiliti fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku; ir-raġunijiet għall-esklużjoni, il-kriterji tal-għāzla kif ukoll il-kriterji tal-għoti u l-valutazzjoni. Huma inklużi d-dispożizzjonijiet dwar kif jiġu indirizzati offerti anormalment baxxi.

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratti ta' akkwist huma inklużi fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku.

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra, huma applikabbli l-proċeduri tal-akkwist applikabbli għas-servizzi l-oħra kollha.

Wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, fuq il-bażi tal-liġi marzjali fis-seħħ fl-Ukrajna u għat-tul ta' żmien tagħha, ġew introdotti eċċezzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku permezz ta' Riżoluzzjonijiet, inklużi fir-rigward tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, ir-rekwiżiti stabbiliti għall-offerenti u l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Fażi 2 hija bbażata fuq l-impenn tal-Ukrajna li tirtira l-eċċezzjonijiet temporanji mil-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fi żmien 90 jum mid-data tat-terminazzjoni jew tal-kanċellazzjoni tar-reġim legali tal-liġi marzjali fl-Ukrajna.

L-elementi bażiċi tad-Direttiva 89/665/KEE

L-elementi bażiċi tad-Direttiva 89/665/KEE huma stabbiliti fl-Anness XXI-C (l-Elementi Bażiċi tad-Direttiva 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (id-Direttiva

89/665/KEE) kif emendata bid-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi (id-Direttiva 2007/66/KE) u bid-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (id-Direttiva 2014/23/UE)) tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim.

F'konformità mal-emenda tal-liġi speċjali "Dwar il-Kumitat tal-Ukrajna Kontra l-Monopolju" ("liġi AMCU") Nru 1219- IX tal-5 ta' Frar 2021, l-AMCU, bħala l-Awtorità għar-Reviżjoni tal-Ilmenti, għandu jistabbilixxi Kummissjoni (Kummissjonijiet) għar-Reviżjoni tal-Ilmenti dwar Ksur tal-Leġiżlazzjoni dwar l-Akkwist Pubbliku ("Kummissjoni") u jeżerċita setgħat oħra stabbiliti fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku, fil-liġi tal-Ukrajna Nru 2210-III tal-11 ta' Jannar 2001 "Dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni Ekonomika" kif riveduta, u fil-liġi AMCU.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun magħmula minn tliet kummissarji għall-ilmenti dwar ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku ("Kummissarju") maħtura mill-Kap tal-AMCU. Minħabba l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022, l-AMCU waqaf temporanjament jirrevedi l-ilmenti dwar ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Il-korp tal-appell reġa' ġie stabbilit b'mod sħiħ f'April 2022.

Fit-13 ta' Frar 2023, tħabbret proċedura ta' reklutaġġ għal pozzizzjonijiet vakanti tal-Kummissarji bl-Ordni tal-President tal-AMCU Nru 79-BK, li tinsab għaddejja bħalissa, minħabba r-rekwiżiti tal-Proċedura tal-għażla u l-ħatra kompetittivi għal pozzizzjonijiet tal-Kummissarju dwar ir-reviżjoni tal-ilmenti dwar ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku.

Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku u l-liġi AMCU jinkludu l-obbligu tal-AMCU bħala korp li jeżerċita kontroll fil-qasam tal-akkwist pubbliku fil-limiti tas-setgħat tiegħu li jadotta deċiżjonijiet bil-miktub, kif ukoll il-possibbiltà li jappella kontra d-deċiżjonijiet tiegħu quddiem il-qorti.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni u d-disponibbiltà tal-proċeduri ta' reviżjoni kif stabbiliti fil-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku huma ġeneralment konformi mad-Direttiva 89/665/KEE. Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tinkludi dispożizzjonijiet dwar waqfien kif ukoll limiti ta' żmien għall-applikazzjoni għar-reviżjoni tal-ilmenti dwar ksur tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku. Il-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku tipprevedi l-invalidità tal-kuntratti meta dawn ikunu ġew konklużi bi ksur tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku, u tinkludi lista ta' raġunijiet li għalihom kuntratti konklużi jkunu bla effett.